Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 300/11AE

**Ian Pace Limited**

**Vs**

**Supreme Travel Limited u Nutar Vanessa Pool**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Settembru 2011 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), is-socjeta attrici talbet il-hlas ta' hamest elef u disa' mitt ewro (€5,900) li skond l-attrici huma dovuti lilha bhala somma li ntilfet mis-socjeta konvenuta peress li ma ressqitx ghax-xiri tal-M.V. Carlos I sakemm skada l-konvenju fl-10 ta' Awissu 2011 u ma onoratx l-obbligi taghha skond il-konvenju.

Is-socjeta konvenuta wiegbet u fl-ewwel eccezjoni argumentat li l-azzjoni hi nulla ghaliex ma jistax ikun li l-kumpannija attrici tipproponi din il-kawza u fl-istess hin kawza ohra biex il-konvenuta tigi kkundannata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgh.

B'sentenza tat-22 ta' Jannar 2014 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet l-ewwel eccezzjoni wara li kkonkludiet li s-socjeta attrici kellha taghzel jew li tenforza l-weghda ta' xiri jew li titlob id-danni minghand is-socjeta konvenuta. Ghalhekk kien japplika l-principju li *electa una via non datur recursus ad alteram*. Meta s-socjeta attrici ghazlet li tharrek lill-konvenuta sabiex tenforza l-bejgh tal-bastiment, irrinunzjat ghall-azzjoni ghad-danni. Din il-kawza m'hijiex subordinata ghall-kawza l-ohra.

Fatti fil-qosor kif riprodotti fis-sentenza tal-ewwel qorti:-

*1.Illi fil-15 ta' Marzu 2011 is-socjeta attrici u s- socjeta konvenuta Supreme Travel Limited iffirmaw konvenju fejn is-socjeta" attrici weghdet li tbiegh lis-socjeta" konvenuta li qablet li tixtri l-bastiment M.V. Carlos I, numru ta' registrazzjoni 07276, ghas-somma ta' disgha u hamsin elf Ewro (€59,000).*

*2.Illi parti minn dan il-prezz, u cioe s-somma ta' hamest elef u disa' mitt Ewro (€5,900) thallsu mis-socjeta konvenuta lis-socjeta" attrici fuq il-konvenju bhala depozitu, bil-bilanc jibqa' biex jithallas meta jsir il-kuntratt. Din is-somma thallset b'cekk pagabbli lin-Nutar Vanessa Pool, u b'hekk id-depozitu gie fdat f'idejn in-Nutar.*

*3.Illi dan il-konvenju kellu jibqa' validu u effettiv sas-7 ta' Gunju 2011. Pero' fl-10 ta' Gunju 2011, il-partijiet iffirmaw estensjoni tal-konvenju sabiex dana jibqa' validu u effettiv sal-10 ta' Lulju 2011.*

*4.Illi mit-transcript mahrug mir-Registrar of Ships fil-5 ta' Lulju 2011 jirrizulta li Ian Pace kien projbit b'mandat ta' inibizzjoni mahrug minn dawn il-Qrati milli jbiegh jew jitrasferrixxi l-bastiment San Carlos I, numru 07276 - cioe" l-bastiment in kwistjoni.*

*5.Illi fis-6 ta' Lulju 2011 il-partijiet regghu iffirmaw estensjoni ohra tal-konvenju sabiex il-konvenju jibqa' validu sal-10 ta' Awwissu 2011.*

*6.Illi pero' l-att definittiv ta' bejgh u xiri baqa' ma sarx.*

*7.Illi fis-7 ta' Settembru 2011, is-socjeta attrici inizjat il-proceduri odjerni kontra s-socjeta' konvenuta fejn qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lilha s-somma ta' hamest elef u disa' mitt Ewro (€5,900), cioe' d-depozitu li kien gie fdat f'idejn in-Nutar Vanessa Pool, u dana ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kienitx resqet biex tixtri l-M.V. Carlos I sakemm skada l-konvenju fil-10 ta' Awwissu 2011.*

*8.Illi fl-istess gurnata, u cioe' fis-7 ta' Settembru 2011, is-socjeta' attrici pprezentat ukoll fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, rikors guramentat kontra l-istess socjeta' konvenuta, fejn qed titlob inter alia li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata sabiex tidher fuq il-kuntratt ta' bejgh sabiex tixtri l-M.V. Carlos I bit-termini u kundizzjonijiet skond il-konvenju u thallas il-prezz miftiehem*.

Fis-7 ta' Settembru 2011, l-attrici pprezentat kawza ohra kontra s-socjeta konvenuta li titratta l-istess konvenju u fejn talbet lill-Prim'Awla sabiex:

*"1. Tordna lis-socjeta konvenuta sabiex tidher fuq il-kuntratt ta' bejgh sabiex tixtri l-M.V. Carlos I bit-termini u kondizzjonijiet skond il-konvenju u thallas il-prezz miftiehem.*

*2. Tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att defenittiv li ghandu jsir minn Nutar Vanessa Pool u tinnomina kuratur ghal kull eventwali kontumaci.*

*3. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas l-imghaxijiet kollha dovut ghal kull gurnata dewmien sakemm isir il-hlas intier tal-prezz"*.

L-aggravji tal-attrici huma:

1. **It-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2013 (fol. 72) ma gietx traskritta u ghalhekk il-Magistrat li eventwalment tat is-sentenza ma kinitx taf x'intqal u kellha**

**ssir trattazzjoni mill-gdid**.

Il-qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju hu bla bazi meta tqies:-

i. Wara s-seduta tal-14 ta' Jannar 2013 saru seduti ohra fis-6 ta' Marzu 2013, 3 ta' Gunju 2013, 18 ta' Novembru 2013.
ii. Fis-seduti hadd ma deher ghas-socjeta attrici.
iii. Is-sentenza nghatat fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014. Fl-intervall bejn is-seduta tal-14 ta' Jannar 2013 u sakemm inghatat is-sentenza (22 ta' Jannar 2014), l-attrici kellha kull opportunita' li titlob li t-trattazzjoni ssir mill-gdid quddiem il-Magistrat li bdiet tippresjedi.
iv. Ma jezisti l-ebda ndizju li seta' ta lill-partijiet x'jifhmu li t-trattazzjoni giet *recorded*.
v. Meqjusa dawn 'il fatti l-attrici ma tistax illum tippretendi li jinghata widen ghall-ilment taghha. Fis-sena li ghaddiet sakemm fit-22 ta' Jannar 2014 inghatat is-sentenza, ir-rapprezentant tas-socjeta attrici kellu kull opportunita li jara l-atti u jivverifika saritx traskrizzjoni. L-attrici ma tistax tilmenta min-nuqqas taghha stess. Il-qorti ma kellha l-ebda obbligu li tattira l-attenzjoni tal-attrici ghal fatt li ma saritx traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

Fic-cirkostanzi dan l-aggravju hu michud.

2. **M'hemm xejn konfliggenti bejn iz-zewg kawzi jew rinunzja ghall-azzjoni. L-attrici talbet penali ghaliex id-depozitu jintilef favur il-vendituri kif ftehemu fil-konvenju talli l-bejgh ma sarx sad-data miftiehem u cioe' sad-data li fih skada l-konvenju**.

Fi klawzola 2 tal-konvenju jinghad li s-somma ta' €5,900 thallset:

*"[....] as payment on account of the Price, which payment on account of the Price made by the Purchaser as contemplated herein shall be retained by Notary Vanessa Pool. The parties jointly irrevocably instruct the said Notary to pay the said sum to the Vendor on the final deed of sale, or upon default in the event the Purchaser does not appear on the final deed of sale for some reason attributable to the Purchaser which is not valid at law. In the event that the final deed of sale is not completed the said payment on account of the Price shall be refunded to the Purchaser within five (5) days from the date of expiration of the term of validity of this agreement, unless the reason for non-completion is attributable to the Purchaser and such reason is not valid at Law,* ***in which event the payment on account of the price herein contemplated shall be forfeited in favour of the Seller"*** (fol. 9).

L-attrici tippretendi li ghandha dritt ghas-somma ta' €5,900 u fl-istess hin li ggieghel lis-socjeta konvenuta tersaq ghall-bejgh ta' M.V. Carlos I. Fir-rikors tal-appell l-attrici argumentat:-

*"20. Illi l-partijiet ftehemu li jekk ma jsirx il-bejgh/xiri sa data specifika, u cioe' sakemm jiskadi l-konvenju, allura l-akkwirent jitlef id-depozitu li ghamel.* ***Izda dan minghajr pregudizzju ghat-talba taghhom li jitolbu li l-bejgh xorta wahda jsir***[1]*"* (fol. 6).

Bir-ragunament tal-attrici jidher li qeghda tipprospetta sitwazzjoni fejn ix-xerrej, f'kaz li ma jixtrix, ikun soggett ghall-penali ta' €5,900 u fl-istess hin xorta jibqaghalu l-obbligu li jixtri l-oggett. Dawn il-konsegwenzi kumulattivi ma jirrizultawx mill-konvenju u wisq inqas minn xi prova ohra. Sitwazzjoni bhal dik li qeghda tikkontempla l-attrici kellha tirrizulta **espressament** mill-konvenju. Fatt li ma jirrizultax fil-kaz in ezami. Fic-cirkostanzi gialadarba l-attrici tippretendi li ghandha jedd li ggieghel lill-konvenuta tersaq ghall-att finali, ma tistax fl-istess nifs tippretendi wkoll il-hlas ta' €5,900. Is-somma ta' €5,900 thallset bhala akkont tal-prezz izda kellha tintilef (*forfeited*) favur il-bejjiegh fl-eventwalita' li x-xerrej ma jersaqx ghall-att finali ghal raguni mhux valida. Mit-twegiba guramentata li l-konvenuta pprezentat fil-kawza **Ian Pace Ltd vs Supreme Travel Ltd** (800/2011) li qeghda tinstema' quddiem il-Prim'Awla[2], ma jirrizultax li tikkontesta li klawzola numru 2 tal-konvenju taghti l-jedd lill-bejjiegh li jharrek lix-xerrej biex iwettaq il-weghda ta' bejgh, ghalkemm pero' ssostni li fil-kaz in ezami hemm raguni valida ghalfejn ma ressqitx. Fic-cirkostanzi, ladarba l-attrici ghazlet li tipproponi kawza biex jitwettaq dak pattwit fil-konvenju u ghalhekk trid li jsehh il-bejgh, m'ghandhiex jedd li *over and above* titlob ukoll il-hlas tas-somma ta' €5,900.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti**.

Anthony Ellul.

---

1 Enfazi tal-qorti.
2 Kawza li jirrizulta li ghadha tinstema'.